**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta' Frar, 2016

Rikors Nru : 495/15 AL

**AB**

**u**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' divorzju kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fit-13 ta' April 1991, u minn din l-ghaqda twieldu tlett (3) tfal, u cioe' O, Yanika u P, lkoll ahwa Borg. Illi P biss huwa minorenni;

Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali, in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 18 ta' Lulju 2011 in atti Nutar Dr Rachel Busuttil, li kopja tieghu qed tigi hawn mehmuza;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar minn erba' (4) snin, u ilhom jghixu hajja separata minn ma' xulxin ghal aktar minn erba' (4) snin;

Illi in vista tal-premess ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom, u l-partijiet qed jghixu hajja kompletament indipendenti minn xulxin;

Illi ma hemm ebda pendenza dwar hlas ta' manteniment minn xi parti fil-konfront tal-parti l-ohra, u dan in kwantu l-manteniment li gie likwidat permezz tal-imsemmi att ta' separazzjoni personali, u kif jirrizulta minn klawsola 5 (a) tal-istess att, jithallas regolarment. Illi l-partijiet jiddikjaraw illi m'hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti;

Illi l-fatti hawn fuq imsemmija huma sufficjenti sabiex jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit min din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex isiru d-debita registrazzjoni u annotamenti fl-atti civili relattivi fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Dicembru 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw

illi ilhom legalment separati ghal aktar minn erba' snin peress illi isseparaw permezz ta' kuntratt datat 18 ta' Lulju 2011;

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.